**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 03/24**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn,25 ta' Marzu 2024 |
| **Ħin:** | 6:46pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)
Roderick Caruana - Kunsillier (Assenti)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera (Skużata)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

**03.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**03.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**03.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**03.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**03.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**03.06** **Slow Streets;**
**03.07** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**03.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**03.09** **Mozzjonijiet; u**
**03.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**03. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tlett imejl ta' apoloġija mingħand Caruana Ray, Abela Amanda u Fenech. | |

**03. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 02/24 inqraw u ġew approvati nem.con. Mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**03. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2 | 5 | 02.05.02 | Viċi-Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku qalet li kienet attivita' tajba ħafna. Chircop żied li kien hemm attendenza tajba u rekord ta' parteċipanti b'ħamsin kitba. Ħasra li fil-kategoriji tat-tfal u żgħażagħ ġiet sottomessa kitba waħda. Ir-rebbieħ tal-Konkors Letterarju kien Joe Baldacchino, Poeżija Cynthia Camilleri Cauchi u Kitba Malti Standard Rita Saliba. Irringrazzja lil kull min attenda fosthom lill-Ministru Dr Owen Bonnici. Dr Buttigieg kien indispost.<br>Is-Sindku irringrazzjat u qalet prosit għal organizzazjoni u qalet li għall-anniversarju tat-30 sena Kunsilli tajna iktar rikonoxximenti. | Chircop |
| 03. | 2 | 6 | 02.02.03 | Sindku: Tiġrijiet taż-żwiemel | Is-Sindku qalet li kienet issemmiet u iż-żiemel li kien assenjat mal-Kunsill tagħna rebaħ din it-tiġrija. Qalet li ħafna diskors li jinkiteb fuq il-midja soċjali muhiex minnuu ma jagħmilx ġieh lill-kunsillier li kitibha. | Sindku |
| 03. | 2 | 7 | 02.02.04 | Sindku: Grow Ten trees | Is-Sindku qalet li ser naraw l-ispiża li ntefqgħet għall-peat u ser ikunu qed jibagħtulna l-kont għal dan. | Sindku |
| 03. | 2 | 8 | 02.02.05 | Sindku: Festa ta' San Girgor | Is-Sindku qalet li kien hemm it-tnedija ta' din il-festa u din ser terġa ssir fit-3 t'April. Ser issir fejn il-knisja u ser tieħu sehem għall-ewwel darba l-banda fi Ġnien l-Għannejja Żwieten.<br>Ir-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja t-trasport għal nies li ġejjien min irħula oħra. | |
| 03. | 2 | 9 | 02.02.08 | Sindku: Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qalet li kien hemm intopp minħabba s-servizzi tal-WSC li jridu jinbidlu. Dan ser jittardja x-xogħol b'xahar. Intalbet li ssir *Zebra Crossing* temporanja fi Triq il-Qadi minħabba l-volum ta' karozzi li issa qed jgħaddu minnha. | Sindku |
| 03. | 2 | 10 | 02.05.03 | Sindku: *Community Police* | Is-Sindku qalet li dawn bdew minn Marzu u qed ikunu tlieta surġent u żewġ kuntistabbli u qed jaħdmu bix-shift. Qed jaħdmu fuq *minor crimes.* Qed isiru wkoll rondi madwar il-lokal.<br>Issemmew il-cat eyes li ġew installati fi Triq Ħal Tarxien sabiex jiġi mitkellem ir-resident li għamilhom sabiex jitneħħew. | Sindku |
| 03. | 2 | 11 | | Sindku: Misraħ ir-Repubblika | Is-Sindku qalet li tlesta x-xogħol ta' *resurfacing*, ser inkellmu l-kuntrattur biex isiru s-sinjali. | Sindku |

**03 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 1 | | Sindku: Fondi li ġew imnaqqsa | Is-Sindku qalet li ġejna nfurmati b'mod uffiċjali li l-fondi li kienu tnaqqsu mill-allokazzjoni ser jinagħtaw lura. Dawn jammontaw għall-€87,948. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 2 | | Sindku: Restawr tal-Kappella ta' San Klement. | Is-Sindku qalet li saret l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Kappella ta' San Klement. Din ġiet organizzata mill-Ministeru tal-Kultura. Fosthom kien hemm preżenti l-Onor. Ministru Owen Bonnici.<br>Is-Sindku irringrazzjat lill-Ministru għall-għajnuna li qed insibu f'dan il-qasam. | Chircop |
| 03 | 3 | 3 | | Sindku: Żbir ta' siġar | Is-Sindku qalet li dwar iż-żbir ta' siġar fi Ġnien l-Għannejja Żwieten kien hemm nuqqas ta' ftehim peress li l-ġardinar ma fhemx li din ma kelliex tinżabar ħafna. Is-Sindku qalet li mhux minnu li ntqal li hi tat din l-ordni sabiex jinħasdu.<br>Qalet li l-ERA bagħtet multa u ser tiġi kkontestata minn naħa tal-kunsill. | |
| 03 | 3 | 4 | | Sindku: Festa | Is-Sindku qalet li attendiet għall-laqgħa bejn l-għaqdiet u ġie diskuss fost oħrajn li hemm ix-xewqa li n-nar tal-art tal-knisja għandu jibda jsir fil-parkeġġ f'Misraħ Wistin Abela. Dwar dan irid isiru diskussjonijiet minħabba li hemm jinżammu l-affarijiet tal-briju u gabbani. | Sindku |
| 03 | 3 | 5 | 02.08.01 | Sindku: *Belishia lights* | Is-Sindku qalet li din diġa qed nikkomunikaw ma' TM dwarha u ġew imressqa l-pjanti l-ġodda biex nindikaw fejn l-aħjar issir. | |
| 03 | 3 | 6 | 12 | Tyre Damage | Dwar din kien hemm dikussjoni u din ma ġitx approvata. | |
| 03 | 3 | 7 | | Segretarju Eżekuttiv: Problema bid-drenaġġ fil-binja tal-Kunsill | Ġie maqbul li għandu jerġa jiġi bil-kamera sabiex jinfetħu l-katusi. Jekk il-problema ma tissolviex ser ikollna naqilgħu il-katusi taħt l-art. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 3 | 8 | | Sindku: Żjara lill-Eċċellenza President ta' Malta | Is-Sindku qalet li nhar l-Erbgħa li ġej ser issir żjara lill-President sabiex tiġi preżentata l-għotja li nġabret waqt l-attivita' li saret fil-Kunsill miċ-ċiniżi. | Sindku |
| **03.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 4 | 1 | | Chircop: Restawr | Chircop qal li r-restawr tal-Kappella ta' San Klement tlesta. Ir-residenta tathom aċċess u sar ir-restawr tal-ħajt ta' wara wkoll. Ser jibda r-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija kif ukoll l-istawti ta' quddiem iz-zuntier. | Chircop |
| **03.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 5 | 1 | | Viċi-Sindku: Kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li din kien suċċess u ħadu pjaċir ħafna. | Viċi-Sindku |
| 3 | 5 | 2 | | Viċi-Sindku: Accounts tal-Manuċċa | Il-Viċi-Sindku qalet li saru l-accounts tal-manuċċa u kien hemm bilanċ ta' €70,000 li parti sontanzjali minnu inqagħtet taxxa u baqa' bilanċ ta' €45,000. Bħalissa hemm 9 impjegati u 38 tifel u tifla. | Viċi-Sindku |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | 5 | 3 | | Viċi-Sindku: Ground tal-Corinthians | Il-Viċi-Sindku qalet li qabel kienu jipparkjaw il-vetturi fuq il-bankina. Stqasiet dwar jekk hux possibli li terġa ssir. Irridu nibagħtu għall-approvazzjoni lill-TM. | Viċi-Sindku |
| 3 | 5 | 4 | | Camilleri: Tqassim ta' figolli | Camilleri qalet li ser isir it-tqassim tal-figolli lir-residenti ta' Dar Nazzareth bħal kull sena. | Camilleri |
| 3 | 5 | 5 | | Sindku: Skudetti | Is-Sindku qalet li saru tlett skudetti bil-kunjomijiet tat-tlett sindki tal-kunsill. Ġie suġġerriet ukoll li jsiru s-sebgħa skudetti tas-sindki l-antiki li kellha din il-belt. | Sindku |
| 3 | 5 | 6 | | Sindku: Librerija | Is-Sindku qalet li saret talba sabiex issir l-arja kondizzjonata kif ukoll kameras peress li naqqsu xi affarijiet mill-librerija. | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 6. Slow Streets;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 6. | 1 | | Sindku | Is-Sindku preżentat il-pjanti l-ġodda fuq dan il-proġett u dawn ser jiġu mdawwra permezz ta' imejl. Ser jinġabru s-suġerimenti mingħand il-kunsilliera. | |

**03. 7. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 7 | 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li ser issir ħarġa għall-Festa Frawli fl-Imġarr kif ukoll attivita' oħra għall-Jum l-Omm. Dettalji iktar il-quddiem. | Viċi-Sindku |

**03. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 8. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 8. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 8. | 3 | | *Petty Cash* - Frar 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €156.20 | Segretarju Eżekuttiv |

**03 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 9 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**03 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:42pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 22 ta' April 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv